MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1149/2007

**Direttur Generali ta` l-Avjazzjoni Civili**

**vs**

**British Jet Ltd (C 25698)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Is-socjeta` intimata infurmat lill-esponent illi fil-perjodu bejn Awissu u Dicembru tas-sena 2006 in-numru ta` passiggieri li dwaru hija kienet gabret id-dritt ta` hlas ghall-servizz lill-passiggieri kien ta` tlett elef u sebghin (3,070) – Dok. A u Dok. B.

2. Fil-perjodu imsemmi bejn Awissu u Dicembru tas-sena 2006, id-dritt ta` hlas ghall-servizz lill-passiggieri kien ta`

ghoxrin lira Maltin (Lm20) skond l-Avviz Legali 60 ta` l-2005, u ghalhekk l-ammont totali li kienet gabret is-socjeta` intimata kien ta` wiehed u sittin elf u erba` mitt lira Maltin (Lm61,400);

3. Dan l-ammont kellu jigi mhallas skond il-ligi mis-socjeta` intimata lill-esponent, izda s-socjeta` intimata, ghalkemm hekk interpellata, baqghet inadempjenti.

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta` wiehed u sittin elf u erba` mitt lira maltin (Lm61,400), liema ammont huwa dovut lir-rikorrent bhala dritt ta` hlas ghall-servizz lill-passiggieri ghall-perjodu minn Awissu sa Dicembru tas-sena 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta` intimata li tibqa` ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta ta` Genius Mario Marixxal fejn ikkonferma li nnotifika lil British Jet Limited fl-indirizz fil-Qawra f`idejn Maria Cilia.

Rat ir-rikors tat-3 ta` Marzu, 2008 fejn is-socjeta` British Jet Limited qalet illi:

Il-kawza fl-ismijiet premessi ghada ma gietx appuntata u sar jaf b`din il-kawza issa meta sar mandat ta` sekwestru kontra tieghu dwar l-istess mertu.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-esponenti giet notifikata fit-12 ta` Novembru, 2007 bl-att tar-rikors guramentat.

In-notifika saret lil Marie Cilia li hija impjegata bhala travel clerk mal-esponenti;

Kif jirrizulta mill-affidavits annessi (Dok. BJL1 u BJL2) l-imsemmija mpjegata qatt ma ghaddiet r-rikors guramentat lid-diretturi tal-kumpanija.

Ghalhekk jirrizulta bl-iktar mod car li ma tirrizulta ebda ‘culpa’ min-naha tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta din il-kawza u tawtorizzaha tiggustifika l-kontumacja u tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet.

Rat l-affidavit ta` Robby Borg.

Rat l-affidavit ta` Maria Cilia.

Rat  ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi l-intimat f`din il-kawza hija socjeta` registrata skond il-ligi.  Skond il-memorandum and articles of association tal-istess socjeta` (Dok. BJ1 a fol. 28 tal-process) jirrizulta illi l-indirizz tal-istess socjeta` huwa Triq it-Tamar, Qawra.

L-ewwel problema riskontrata f’din il-vertenza hija jekk saritx notifika effettiva tar-rikors promotur jew le.

Issa l-ligi f`dan il-kuntest tipprovdi illi:

Art 187(4):  Fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita’ guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta’ l-iskrittura:

(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew
fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f’idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 181A jew f’idejn impjegat ta’ dak il-korp; jew

(b)  f’idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A (2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).

Mix-xhieda tal-impjegata jirrizulta illi huwa minnu li ffirmat ghad-dokument hija Maria Cilia. Hija gharfet u kkonfermat il-firma taghha. Pero` din fix-xhieda taghha tghid ukoll illi l-indirizz fejn tahdem hija huwa ufficcju ta` British Jet fi Triq ir-Rizzi, Qawra. Wiehed mal-ewwel jinduna li dan ghalhekk m`huwiex l-istess indirizz registrat tas-socjeta`, pero` huwa post tan-negozju tal-istess British Jet.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hi tal-fehma li notifika legali u effettiva tar-rikors promotur saret.

F`dan ix-xenarju l-istess socjeta` British Jet fir-rikors taghha qed titlob li tiggustifika l-kontumacja taghha u tithalla tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u dan peress illi, galadarba kien nuqqas tal-impjegata, m`ghandhiex tkun is-socjeta` li tbati.

Mad-daqqa t`ghajn, dan m`huwiex argument li wahdu jregi. Pero`, il-Qorti semghet ukoll lill-istess Managing Director tas-socjeta` British Jet li spjega x-xenarju fi hdan is-socjeta` tieghu, fejn l-impjegati huma ngharrfa sew illi m`ghandhomx jaccettaw dokumenti gudizzjarji. Fil-fatt il-Qorti nnotat fl-atti kopja tat-twissija li tinghata lill-istess impjegati (ara fol. 24). Fil-fatt, l-istess impjegata Maria Cilia li ffirmat ghad-dokument tikkonferma hi stess li kienet a konoxxenza tal-istess twissija.

L-istat ta` kontumacja f`kawza huwa tali li jirrendi l-parti fi stat ta` prekarjeta` estrema u ghalhekk din il-Qorti trid altru tkun certa li n-nuqqas ta` risposta hija rizultanti minn negligenza jew disprezz ta` min finalment ghandu jirrispondi ghall-istess att qabel ma tkun serenament tista tikkonferma li parti f`kawza cahhdet lilha nnifisha minn dritt ta` risposta

Fil-kaz in ezami il-Qorti m`hijiex sodisfatta li dan l-assjem ta` cirkostanzi jezisti u ghal dawn ir-ragunijiet tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors tas-socjeta` British Jet Ltd u takkorda lill-istess socjeta` ghoxrin gurnata mil-lum biex tipprezenta r-risposta taghha ghar-rikors promotur.

L-ispejjez ta` dan l-incident jithallsu mill-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------